

# Kbirt mal-Banda Imperial

Anthony Caruana

Qed nikteb dan l-artiklu bħala l-aktar bandist anzjan ta' din il-Banda tant għażiża għalija, għal bosta Melleħin u ħutna oħra 'l barra mir-raħal. Għalkemm illum ngħodd kważi tmenin sena ndoqq mal-Banda Imperial, niftakar qisu lbieraħ meta missieri Ġużeppi kien beda jniżżilni l-każin li għalkemm kien jinsab fl-istess post tal-lum iżda kien ferm differenti. Dak iż-żmien niftakar li kien frekwentat minn bosta parruċċani Melleħin iżda niftakar li kont tara rġiel biss fil-każin għaliex il-mentalità ta' dawk iż-żminijiet kienet ferm differenti minn tal-lum. B'xorti tajba, iżda, iż-żminijiet inbidlu u llum il-ġurnata l-banda tiftaħar li għandha kumitat tan-nisa ferm ħabrieki u wkoll kor tan-nisa ferm organizzat u magħruf. Mal-medda taż-żmien ukoll il-banda għallmet u laqgħet fi ħdanha bosta bandisti nisa li dejjem għamlulha unur. Fil-fatt, għalkemm niftakar li sa mill-bidu nett il-Banda Imperial kellha numru ta' bandisti mdaqqas, illum il-banda hija mżejna b'diversi persuni, irġiel, nisa, xjuħ u żgħażagħ, u saħansitra tinkludi bandisti li, għalkemm mhux Maltin, illum iħossuhom parti sħiħa minn din il-Banda tant għal qalbna.



Nista' ngħid li rajt il-Banda tikber miegħi u tinbidel u jien kbirt mal-Banda. Niftakar b'għożża kbira ċ-ċelebrazzjonijiet ta' għeluq il-ħamsa u għoxrin sena, il-ħamsin sena u l-ħamsa u sebgħin sena mit-twaqqif tagħha. Niftakar ukoll b'għożża l-esperjenzi li kelli bħala bandist f'diversi rħula u bliet fejn il-Banda kienet tul is-snin tagħti s-servizzi tagħha, fosthom saħansitra niftakar żewġ okkażjonijiet fejn il-Banda tat is-servizz tagħha ġewwa Kemmuna. Dan kien fis-snin 1937 u 1938, u naħseb li ftit hawn illum li jiftakru dan. Niftakar li, dak iż-żmien, il-bandisti konna rkibna darba mit-Trunciera u darb'oħra mill-Marfa sabiex inkunu nistgħu naslu Kemmuna. Bħala banda konna bqajna Kemmuna minn lejlet il-festa sal-għada, sabiex inkunu nistgħu nagħtu s-servizz tagħna.

Tibqa' żgur ukoll għal qalbi l-okkażjoni meta ż-żewġ baned tal-Mellieħa ngħaqdu flimkien sabiex idoqqu għall-miġja tal-Papa Gwanni Pawlu II f'Malta, meta fil-fatt ġie jżurna fl-għażiż raħal tagħna l-Mellieħa.

Iżda fil-quċċata tal-memorji tiegħi tibqa' dejjem iċ-ċelebrazzjoni tal-festa ta' Marija Bambina li ta' kull sena bosta Melleħin u oħrajn jistennew bil-ħerqa sabiex, filwaqt li jagħtu l-qima li tixraq, fl-istess ħin jieħdu l-okkażjoni sabiex jiltaqgħu u jifirħu bl-għażiża Vitorja tagħna. U fil-fatt huwa għal din l-okkażjoni tal-Festa 2015 li erġajt qed nikteb dan l-artiklu qasir.

Illum il-ġurnata, li għalaqt il-91 sena, niżżi ħajr lil Alla u l-għażiża Marija Bambina ta' kemm żammew idejhom fuqi tul dawn is-snin kollha u talli sal-lum għadni niflaħ indoqq ma' din il-Banda tant għażiża għalija.

Nawguralkom minn qalbi festa mill-isbaħ.

Viva l-Banda Imperial.

Viva Marija Bambina.